MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 92/2002/2

**Mary Caruana (ID36148M), Jane Spiteri, Michael Caruana (ID820751M), Edwin Caruana, Marthese Celeste, Connie Schembri.**

**vs.**

**Giuseppe Abela u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2009 jawtorizza t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Giuseppi (ID 63242M), Alfred (ID 477144M), Carmelo (ID 445445M), Alfons (ID 961350M), Salvinu (ID 588552M), Theresa (ID 934747M), u Mary (ID 0022350M) mart Leonard Bonnici.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Giuseppi, Alfred, Carmelo, Alfons, Salvinu, Theresa u Mary mart Leonard Bonnici, ilkoll ahwa Abela detenturi tal-karta tal-identitajiet numri:

ID 163242(M), ID 477144(M), ID 445445(M), ID 961350(M), ID 588552(M), ID 934747(M), ID 0022350(M) rispettivament datat 29 ta' Jannar 2010 a fol. 198 tal-process fejn esponew:-

Illi b'sentenza tal-Bord tal-Kera (Dok "A") tat-18 ta' Settembru 2009, fl-ismijiet Mary Caruana, Jane Spiteri, Michael Caruana, Edwin Caruana, u Marthese Celeste, Connie Schembri vs Giuseppe Abela u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2009 jawtorizza t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Giuseppi, Alfred, Carmelo, Alfons, Salvinu, Theresa, u Mary mart Leonard Bonnici, ilkoll ahwa Abela, per Magistrat Joseph Apap Bologna, l-atturi inghataw gew ordnati jizgombraw l-fond fi Triq il-Papa, Birzebbuga, u b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Dok "B") ta' nhar il-Gimgha 8 ta'Jannar 2010, per Imhallef Philip Sciberras, din is-sentenza giet ikkonfermata u l-appell gie michud.

Illi r-ritrattand Salvinu Abela huwa azzjonist fil-kumpanija Swallow Limited. Huwa kien jahdem ma' missieru, Giuseppe Abela, illum mejjet, li wkoll kien azzjonista fl-imsemmija kumpanija. Fil-fatt, ix-xarabanks li jinsabu fil-*garage* huma registrati fuq isem il-kumpanija, u mhux fuq xi hadd partikolari.

Illi r-ritrattati, jikkontendu illi kien hemm cessjoni tal-lokazzjoni tal-*garage* fi Triq tal-Papa, f'Birzebbuga, li huma kienu jikru lir-ritrattandi. Dan mhuwiex minnu ghaliex cessjoni bhal din qatt ma saret u, fil-fatt, ir-ritrattati, qatt ma gabu prova tal-allegata cessjoni. Ir-ritratandi jinsistu li l-*garage* imsemmi qatt ma nkera Iil xi hadd.

Illi ghandu jigi rilevat illi dak li kien hemm bejn l-inkwilin Giuseppe Abela, illum mejjet, u ibnu r-rittattand Salvinu Abela, kien biss ftehim ta' kif ghandha tigi mmexxija s-socjeta` kummercjali li kellhom bejniethom, pero' dan bl-ebda mod ma huwa prova ta' xi cessjoni jew sullokazzjoni da parti tal-inkwilin fuq ibnu. Il-fatt li l-*garage* kien jintuza wkoll mir-ritrattand Salvinu Abela ma tirrizultax fi prova li saret cessjoni tal-lokazzjoni, imma dan kien hekk jintuza mill-imsemmi sabiex titpogga x-xarabank li hija tas-

socjeta` kummercjali imsemmija, f'liema socjeta`, r-ritrattant ghandu interess car.

Illi bid-dovut rispett, il-Qorti tal-Appell naqset milli tapplika l-**artikolu 2(c) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta**, li jghid is-segwenti: -

*"kerrej tftsser ukoll: -*

*(c) fil-kaz ta' hanut, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla, jew armel dawk il-persuni li jkunu jigu minnu mid-demm jew hi zwieg sal-grad ta' kugin inkluzivament, basta li f'dan l-ahhar kaz dawn il-persuni jkunu l-werrieta tal-kerrej."*

Illi l-inkwilin miet fil-mori tal-proceduri fl-appell u ghalhekk, r-ritrattandi, peress illi jaqghu taht it-tifsira ta' "kerrej" *ai termini* tal-artikolu fuq citat, huma l-inkwilini.

Illi ghalhekk, aktar u aktar ma jistax jigi argumentat li kien hemm sullokazzjoni u dan ghas-segwenti ragunijiet. L-ewwelnett, ma ngabet l-ebda prova ta' cessjoni tal-lokazzjoni, u dan kif diga' inghad. It-tieni nett, wara li miet missier ir-ritrattandi, Giuseppe Abela, ir-ritrattandi saru il-legittimi kerreja tal-fond imsemmi, peress li huwa jigu wlied il-mejjet u li huma l-werrieta tieghu.

Ghaldaqstant, ir-ritrattandi jitlobu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet Mary Caruana, Jane Spiteri, Michael Caruana, Edwin Caruana, u Marthese Celeste, Connie Schembri vs Giuseppe Abela u b'digriet tas-27 ta' Jannar 2009 jawtorizza t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Giuseppi, Alfred, Carmello, Alfons, Salvinu, Theresa, u Mary mart Leonard Bonnici, ilkoll ahwa Abela, mghotija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar 2010, rikors numru 92/02JAB, u tordna r-ritrattazzjoni mill-gdid tal-kawza u dan *ai termini* tal-**artikolu 811( e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat l-atti ta' din il-kawza gew mdahhla illum 2 ta' Frar 2010.

Rat ir-risposta ta' Mary Caruana, Jane Spiteri, Michael Caruana, Edwin Caruana u Marthese Celeste, Maria Carmen Schembri ghar-rikors ta’ ritrattazzjoni datata 12 ta’ Frar 2010 a fol 217 tal-process fejn esponew:-

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-18 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet premessi, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar 2010, il-konvenuti ritrattandi gew ordnati jizgombraw il-fond garaxx (bla numru) fi Triq il-Papa, Birzebbuga.

Illi permezz ta' rikors ta' ritrattazzjoni prezentat mill-konvenuti ntimati prezentat fid-29 ta' Jannar 2010 dawn talbu t-thassir u revoka tal-imsemmija sentenzi abbazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe` ghab-bazi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi.

Illi l-esponenti jeccepixxi li t-talba ghar-ritrattazzjoni m'hijiex gustifikata *stante* li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni hazina tal-ligi. Anzi s-sentenza moghtija fil-prim’istanza u kkonfermata fl-appell hija bbazati fuq l-interpretazzjoni korretta tal-ligijiet u principji guridici applikabbli ghall-kaz.

Illi hekk kif j irrizulta mir-rikors taghhom, ir-ritrattandi qed jesigu ritrattazzjoni ghaliex fil-fehma taghhom:

1. ma kien hemm l-ebda prova ta' cessjoni tal-lokazzjoni in kwistjoni; u

2. kellu jigi applikat l-**artikolu 2 (c) tal-Kap 69 ta' Malta** li jipprovdi illi kerrej ifisser ukoll:-

*“fll-kaz ta' hanut, meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel dawk il-persuni li jkunu jigu minnu mid-demm jew bi zwieg sal-grad ta' kugin inkluzivament, basta li f'dan l-ahhar kaz dawn il-persuni jkunu l-werrieta tal-kerrej”*

Illi permezz ta' din l-umli risposta, l-esponenti ritrattati ser juru kif l-ebda wiehed minn dawn l-aggravji ma huma applikabbli ghall-kaz odjern.

1. ***Dwar l-inapplikabbilta` tal-ewwel aggravju u cioe` li ma ngiebet ebda prova ta' cessjoni tal-lokazzioni***.

Illi a skans ta' ripetizzjoni ghal dak li nghad u rega' inghad matul il-mori tal-kawzi quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u l-Qorti tal-Appell, l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi prova ta' cessjoni giet ippruvata b'certezza u *oltre* kull dubju ragjonevoli.

Illi l-esponenti jghamlu riferenza ghal dak li nghad fir-risposta tal-appell taghhom fis-sens li ladarba kien fil-fatt Saviour Abela u mhux Giuseppe Abela li kien qed juza l-*garage*, kien hemm cessjoni jew sullokazzjoni *de facto* li taghti lill-esponenti kull dritt illi jirriprendu l-*garage* propjeta` taghhom lura.

*Inoltre*, irrizulta wkoll illi dan il-*garage* kien fil-fatt qed jintuza minn Swallow Ltd, u cioe` socjeta` kummercjali b'personalita` guridika distinta minn dik tal-azzjonijisti taghha, biex b'hekk, l-uzu ta' dan il-garage kien tassew gie moghti lill-persuna ohra minghajr il-kunsens tas-sid.

Dan il-fatt gie wkoll ampjament konsidrat kemm mill-Bord li Jirregola l-Kera li kkonkluda li:

*"mill-analisi tal-provi kif sintetizzati jirrizultaw is-segwenti fatti u dan b'mod evidenti:-*

a) L-intimat, fl-ahhar snin ta' hajtu ma kompliex juza' l-post in kwistjoni sabiex izomm go fih xarabank.

b) Konsegwentement jidher li hu ttrasferixxa l-kirja u l-uzu tal-post lil ibnu, Saviour Abela u, go fih, dan beda jzomm mhux it-tnejn flimkien iz-zewg vetturi hawn fuq imsemmija u li huma registrati fuq socjeta` kummercjali.

c) Dan jfisser b'mod car illi l-inkwilin, dejjem fl-ahhar snin ta' hajtu kien ghamel cessjoni tal-lokazzjoni lil terza persuna u dan minghajr il-kunsens car tas-sidien."

Illi addizzjonalment il-Qorti tal-Appell ziedet illi:

*“In kwantu ghall-ewwel sottomissjoni, fuq il-fehma espressa mill-Qorti tal-Appell fil-kawza “***Salvu Cutajar vs Emmanuel Schembri***”, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1996, u li maghha din il-Qorti tikkonkorda, “mit-terminologija differenti uzata, l-***artikolu 9 tal-Ordinanza*** ma hux limitat ghac-cessjoni, kif kontemplata mill-Kodici Civili, izda tikkolpixxi kull forma ta' trasferiment tal-kirja li ssir minghajr il-kunens espress tas-sid, u ma jaghmel ebda distinzjoni bejn trasferiment oneruz u gratuwitu; u konsegwentement mhux rikjest li jkun thallas xi korrispettiv biex jissussisti t-trasferiment tal-kirja kontemplat fl-***artikolu 9*** ";*

u li

*"Mhux dan biss izda mill-vicenda processwali jinzel ukoll illi, fir-realta` it-tgawdija tal-garaxx ma baqghetx issir la mill-intimat-inkwilin u lanqas minn ibnu Salvu personalment in kwantu x-xarabank jew xarabanks magazzinati fih ma kienux taghhom izda tal-kumpanija Swallow Ltd u tali, kif risaput, ghandha personalita` guridika separata u distinta minn dik tal-azzjonisti taghha.* ***Jikkonsegwi illi mhix korretta l-proposizzjoni tal-appellanti illi l-garaxx baqa’ jintuza minn membri tal-familja tal-kerrej izda unikament, u b'mod esklussiv, mill-kumpanija msemmija****.*

*Tezisti gurisprudenza kopjuza konfermanti t-trasferiment tal-kirja lill-kumpanija. Dan kif attestat mill-ezemplari fl-ismijiet: “***Salvatore Zahra vs John Borg nomine***”, Appell mill-Bord, 14 ta' Novembru 1949, “***Phyllis Ebejer et vs Joseph Aquilina***”, Appell, 10 ta' Jannar 1995 u “***Pasquale Greek vs Publio Farrugia***”, Appell, 4 ta' April 1997, fost bosta ohrajn;"*

2. ***<u>Dwar l-inapplikabilita' tal-artikolu 811(e) tal-Kay 12</u>***.

Illi fl-ewwel lok, mill-provi prodotti u minn dak li ghadu kemm inghad ghandu johrog mill-ewwel car illi fil-kaz odjern, ma kien hemm l-ebda applikazzjoni tal-**artikolu 2 (c) tal-Kap 69** ghaliex dan l-artiklu japplika ghall-persuni li

jkunu jigu mill-kerrej mid-demm jew bi zwieg sal-grad ta' kugin.

Illi f'dan il-kaz il-kirja giet trasferita jew ceduta favur Swallow Ltd li certament ma tigix mid-demm tal-kerrej *stante* li din hija persuna legali u mhux fizika u ghaldaqstant ghandha tirrizulta bhala ovvja, l-inapplikabbilita` tal-**artikolu 2 (c) tal-Kap 69**.

Illi fl-istess waqt pero` minkejja li din il-personalita` guridika ta' Swallow Ltd mhix wahda fizika izda legali, il-fatt illi kien hemm cessjoni favuriha u l-fatt illi legalment, socjeta` kummercjali ghandha personalita` distinta minn dik tal-membri taghha, wassal ghal cessjoni illecita tal-kirja li kien hemm favur l-intimat biex b'hekk l-atturi ritrattati kellhom kull dritt li jitolbu l-izgumbrament ta' ulied l-intimat illum mejjet, mill-fond in kwistjoni.

Illi l-principji generali dwar il-personalita` guridika ta' kumpanija jghallmuna illi kumpanija (bhal ma hija Swallow Limited) ghandha personalita` guridika distinta minn dik tal-membri taghha u ghalhekk bir-registrazzjoni tal-vetturi fuq din il-kumpanija, irrizulta illi l-vetturi li kienu qeghdin jigu pparkeggjati fil-*garage* ma kinux tal-inkwilin Giuseppe Abela u dan bi ksur tal-ftehim ta' kirja li skont ix-xhieda tal-istess Giuseppe Abela kien jistipola li dan kellu jiggaraxxja biss ix-xarabank tieghu. Illi l-fatt li Giuseppe Abela kien ghamel zmien *shareholder* tal-istess kumpanija xorta jirrendi l-vetturi mhux propjeta` tieghu izda tas-socjeta` kummercjali. Barra minn hekk eventwalment huwa lanqas biss baqa' *shareholder* taghha..

**<u>Dan il-fatt ghaldaqstant ikkostitwixxa ksur tal-ftehim ta' kirja li kien hemm stabbilit bejn il-partijiet</u>**.

Illi konferma ta' dawn il-principji nsubaha wkoll f'gurisprudenza lokali (**Salvatore Zahra vs John Borg noe**, Qorti tal-Appell, 14 ta' Novebru 1949), fejn fost ohrajn, f'kaz pjuttost simili nsibu illi:-

*"Huwa notorju illi socjeta` kummercjali ghandha personalita` guridika diversa minn dik tas-singoli sod u*

*allura meta Frank Borg, rappresentat minn huh ikkonferixxa fis-socjeta` u cioe` persuna different il-lokal u l-avvjament, **<u>"kien hemm verament cessjoni tal-lokazzioni favur persuna guridika diversa."</u>***

Illi fil-kaz prezenti, l-inkwiln Giuseppe Abela kkonferixxa l-proprjeta` ta' tali xarabank fis-socjeta" Swallow Limited, u ghaldaqstant peress li din il-vettura kienet qed tigi ggaraxxjata fil-*garage* mikri, dan il-*garage* beda jintuza ghall-iskopijiet ta' din is-socjeta` kummercjali - persuna distinta.

Illi ghaldaqstant kienet tassew korretta l-Qorti tal-Appell li ma kkunsidratx l-**artikolu 2(c) tal-Kap 69** ghaliex dan ma kienx applikabbli ghall-kaz odjern.

Illi mizjud ma' dan kollu wiehed ma jistax jonqos milli jirreferi ghal dak li jigi provdut mill-proviso tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12** u cioe` illi:

*"ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-ligi, **<u>basta</u>** li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni;"*

Illi dan il-*proviso* restrittiv f'dan l-artikolu fil-fatt ikompli jgib fix-xejn il-pretensjonijiet tar-ritrattandi u dan ghaliex fil-kaz odjern, iz-zewg Qrati li taw u kkonfermaw is-sentenza ritrattata fil-fatt ghamlu kull konsiderazzjoni necessarja (uhud minnhom hekk kif gia kwotati f'din ir-risposta) li jrendu l-**artikolu 2 (c) tal-Kap 69** inapplikabbli ghall-kaz prezenti *stante* c-cessjoni jew trasferiment tal-kirja favur Swallow Ltd.

Illi hekk kif kemm-il darba gie ritenut fosthom fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell tal-24 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet ***<u>"Salvino Testaferrata Moroni Viani vs David Vella noe"</u>***:-

*“L-istitut tar-ritrattazzjoni huwa meqjus bhala rimedju straordinarju governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima, mhux suxxettibbli ghall-interpretazzjoni estensiva izda biss ghal wahda letterali.*

*Jista' jkun hemm biss lok ghal ritrattazzjoni ghalhekk taht is-subinciz (e), [applikazzjoni hazina tal-ligi] jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, il-Qorti (tkun) applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat".*

*Huwa in fatti, ghalhekk li l-**artikolu 816 tal-Kap. 12**, meta jispecfika x'ghandu jkun fih l-att promotorju ta' ritrattazzjoni bazat fuq dan is-subinciz, jghid espressament li meta r-raguni ghar-ritrattazzjoni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi "l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata".*

*Hu ormai pacifiku li biex il-Qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi ghal flni ta' ritrattazzjoni ma ghandhomx jergghu jigu ezaminati u evalwati l-fatti tal-kawza u ma jistghux dawn jergghu jigu interpretati. Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gjusta ghal dawk il-fatti.”*

Illi *semmai*, ghandu johrog car illi r-referenza maghmula mir-ritrattandi ghall-**artikolu 2(c) tal-Kap 69** f’dan l-istadju daqstant ahhari tal-procedimenti gudizzjarji f’dan il-kaz m'hu xejn ghajr attentat iddisprat li jittawlu l-proceduri sabiex tigi sospiza l-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti mill-Appell *stante* li l-intimati ritrattati ma jridux johorgu mill-garaxx in kwistjoni. Illi dan il-punt ta' ligi bil-kemm issemma' (jekk issemma') matul il-mori tal-procedimenti kollha u ghaldaqstant zgur li kien lok li jitqajjem issa ghaliex l-iskop ta' rittrazzjoni mhux dak li jitqajmu fih eccezzjonijiet addizzjonali mill-intimati. Dan gie ripetut kostantement mill-gurisprudenza taghna fost ohrajn fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet **Charles Michael Gaud vs Alfred Vella noe** moghtija fl-10 ta' Ottubru2003:-

*"Il-gurisprudenza taghna dejjem ghallmet li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostiwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk dak il-gudikat jirrispekkjax kompletament il-verita` jew il-gustizzja. Ir-Rumani kienu jesprimu dan il-kuncett bil-massima res jiudicata pro veritate habetur. Minn dan titnissel il-konsegwenza taghha li r-regoli li jirregolaw dan l-istitut tar-ritrattazzjoni huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni l-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza u b'hekk indirettament johloq ghalih tribunal tat-tielet istanza* ***<u>li mhux permess mil-ligi</u>****. "*

Illi fi kwalunkwe kaz, din ir-risposta umilment uriet illi l-bazi li fuqha qed tigi mitluba din ir-ritrazzjoni hi xorta wahda insostenibbili *stante* l-inapplikabbilita` taz-zewg aggravji sollevati mir-ritrattandi.

Ghaldaqstant *in vista*` tas-suespost l-esponenti qeghdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fil-waqt li tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet citati, tichad it-talba ghal-ritrattazzjoni ta' din il-kawza bl-ispejjez ghar-ritrattandi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras tas-26 ta' Frar 2010, illi peress din il-Qorti b'sentenza tat- 8 ta' Jannar 2010 iddefenit il-meritu u peress illi r-ritrittazzjoni hi bbazata fuq inciz **Art. 811 (e) tal-Kap 12, il-Qorti rat Art 743 tal-Kap 12,** astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghar-ritrattazzjoni u ordnat l-kancellement taghha minn fuq il-lista tal-appell taghha u baghtet il-process lir-Registratur biex dan jassenjah lill-Imhallef iehor.

Rat is-surroga datata 2 ta' Marzu 2010 moghti mill-Sinjorita Tieghu l-Prim Imhallef Vincent De Geatano fejn din tali ritrattazzjoni giet assenjata lill-Qorti kif attwalwment presjeduta u l-Qorti b'digriet taghha datat 3 ta' Marzu 2010 rriappuntat din il-proceduta ta' ritrattazzjoni ghas-smigh ghas- 6 ta' Mejju 2010.

Rat li l-partijiet gew notifikati bl-avviz tas-smigh kif tidher mir-riferta a fol 230 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tas-6 ta’ Mejju 2010 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Frank Cassar ghar-ritrattati u Dr. David Camilleri ghar-rittrattandi . Dr. Frank Cassar ghal Mary Caurana ddikjara li l-klijenti tieghu mhux se jkomplu l-esekuzzjoni qabel ma tinghata sentenza definittiva, u dan per prudenza. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2010.

Rat l-atti kollha tas-sentenzi quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera datata 18 ta’ Settembru 2009 u tal-Qorti tal-Appell tat-8 ta’ Jannar 2010 fl-ismijiet indikati ta’ Mary Caruana et vs Guiseppi Abela et”.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza ta’ ritrattazzjoni a bazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap 12** fejn ir-ritrattandi qed jitolbu li tigi revokata s-sentenza fl-ismijiet **“Mary Carauna et vs Giuseppi Abela et”** moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta’ Jannar 2010 (Rikors Numru 92/02/JAB) u tordna ir-ritrattazzjoni mill-gdid tal-kawza.

Illi r-ritrattandi qeghdin isejsu t-talbiet taghhom fuq l-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** illi jipprovdi illi:-

*“Kawza deciza b’sentenza moghtija fi grad ta’ appell jew mill-Qorti Civili, Prim Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista’, fuq talba ta’ wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza, ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

[…]

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*

*ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni".*

Illi hawn issa qed tintalab li ritrattazzjoni fuq il-binarji indikati fir-rikors odjern u dwar l-istess jinghad qabel xejn li huwa principju sancit fil-gurisprudenza nostrali u affermat fis-sentenza **"A vs B"** mill-Qorti tal-Appell tas-17 ta' Gunju 1997 (Vol. LXXXI. ii. 541) illi *"r-rimedju ta' ritrattazzjoni jibqa' wiehed straordinarju u l-kazijiet li fihom jista' jinghata kif ikkontemplat specifikatament mill-ligi ghandhom jigu interpretati ristrettivament".* (**"Av. Dott. P.M. Valletta LL.D. noe vs J. Tanti"** - A.K. 20 ta' Mejju 1994 - LXXVIII. ii. 84) **"Joseph Zammit vs Carmelo Dingli et"** (P.A. (RCP) – 24 ta' Jannar 2001); **"Mildred Frendo vs Loris Bianchi proprio et nomine"** (A.C. – 12 ta' Mejju 2003).

Illi fil-kawza **"Rev. Don Giuseppe Aquilina vs Francesco Aquilina"** (A.C. – 18 ta' April 1958 – Vol. XLII.i.227) kwotata wkoll fis-sentenzi **"Salvino u Mario ahwa Testaferatta Moroni Viani et vs David Vella nomine"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004) u **"Mario Gauci et vs Joseph Gauci"** (A.C. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008); **"Josephine Azzopardi vs Rose Cilia"** (A.I.C. – 29 ta' Jannar 2010) inghad li f'kawza ta' ritrattazzjoni wiehed ghandu dejjem:-

*"izomm quddiem ghajnejh it-twissija li ghamlet (il-Qorti tal-Appell) (Vol. XXI.i.798) dwar l-indoli straordinarja ta' dan ir-rimedju ta' ritrattazzjoni; lumeggat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut ampjament rikapitolati, anki b'referenza ghar-rapport tal-Kummissjonarji, fis-sentenza fil-Vol. VI p. 365, u li jgib bhala konsegwenza logika li rregoli li jiggovernaw dan l-istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima (Vol.*

*XXVII.i.818) [ ... ] ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzioni, il-litigant sokkombent jerga' jiftah il-kawza u b'hekk, kif qalet is-sentenza fil-Vol.VI fuq citata, jigi ndirettament krejat tribunal tat-tielet istanza".*

Illi l-Qrati taghna gew diversi drabi affaccjati b'talbiet simili a bazi tal-**artikolu 811 (e) tal-Kap. 12** u l-gurisprudenza f'dan is-sens hija wahda kostanti. Sentenza ricenti u rilevanti f'dan is-sens u li tissintetizza l-hsieb tal-Qrati lokali f'dan l-ambitu hija **"Malta Development Corporation vs Medcast Foundry Limited"** (A.C. – 14 ta' Ottubru 2008) li rriteniet illi:-

*"In tema legali jigi osservat illi jinsab stabbilit illi fil-gurisprudenza, li fil-kaz ta' ritrattazzjoni bbazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti kif gew stabbiliti fis-sentenza li taghha tkun qed tintalab ir-ritrattazzjoni, mhumiex aktar sindakabbli. Ghalhekk f'dan l-istadju m'ghandux isir ezami mill-gdid tal-fatti tal-kawza u lanqas jigu ivvalutati jew interpretati mod iehor ghajr kif gew diterminati u vvalutati fis-sentenza impunjata. [App. S. Xuereb utrinque 20.1.1992]. Per vedere se vi sia male applicazione della legge deve predersi per* ***unica base il fatto come stabbilito*** *dalla Corte della sentenza impugnata." [Vol. XXVII.I.43)".*

Illi hu stabbilit illi hemm lok ghal ritrattazzjoni jekk jirrizulta illi l-Qorti tkun applikat il-ligi hazina ghall-fatti, u mhux jekk tapplika l-ligi ghal dawk il-fatti hazin. *"L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi, tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni espressa tal-ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-interpretazzjoni, razzjoncinju u argumenti."*

*"… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati mod iehor, ghajr kif gew vvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata.*

*Ikun hemm lok ta' interpretazzjoni fuq dan il-motiv jekk fuq dawk il-fatti ppruvati, ikun jidher illi l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi minflok ohra li kellha proprjament tigi applikata …. [cioe`] applikat il-ligi hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi tajba b'mod hazin."*

Illi f'dan is-sens hemm serje ta' sentenzi ohra fuq dan il-punt fosthom **"Joseph Difesa vs L-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u L-Ippjanar"** (A.C. - 6 ta' April 2005); **"Alfred Grech et vs Joseph Muscat et"** (A.C. - 28 ta' Jannar 2005); **"Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella noe"** (A.C. – 24 ta' Settembru 2004); **"Guido Vella J A & CE vs Dr. Emmanuel Cefai"** (A.C. 27 ta' Marzu 2003); **"Emmanuel Demanuele et vs Fast Food Services Ltd"** (A.C. - 2 ta' Gunju 2003); **"Michael Charles Gauci vs Alfred Vella pro et noe"** (A.C. - 10 ta' Ottubru 2003); u **"Philip Amato Gauci et vs Angelo Agius"** (A.C. - 24 ta' Novembru 2003).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jinghad li l-bazi ta' ritrattazzjoni hija fid-decizjoni fl-ismijiet premessi fejn ir-ritirandi gew ordnati sabiex jizgombraw mill-fond, Triq tal-Papa, Birzebbuga, li ghalkemm ir-ritrattati allegaw li kien hemm cessjoni tal-lokazzjoni tal-fond *de quo*, fil-fatt cessjoni qatt ma giet ippruvata, u kull ma kien hemm kien biss ftehim bejn l-inkwilin Giuseppi Abela, llum mejjet u ibnu Salvinu Abela ghat-tmexxija ta' socjeta' kummercjali li kellhom bejniethom, izda dan ma jammontax ghall cessjoni, u kull ma' kien hemm uzu ta' garaxx minn dan Salvu Abela, sabiex jitpoggew fih vetturi tas-socjeta' imsemmija li fiha l-inkwilin kellu interess bhala azzjonista u ghalhekk kellha issir applikazzjoni tal-**artikolu 2 (c) tal-Kap 69,** citat fl-istess rikors u fuq riprodott, ghaliex peress li l-inkwilin, Guiseppi Attard, miet fil-mori tal-kawza, l-istess kirja ghaddiet skond l-istess sub-artikolu ghand ir-ritrattandi, bhala ulied u eredi tal-istess.

Illi fil-verita' dak li qed jigi pretiz f'din il-procedura huwa effettivament dak li din il-Qorti taghmel mill-gdid ezami tal-provi prodotti quddiem l-Qorti tal-Appell, haga li m hijiex permessibbli li ssir ghaliex huwa ben stabbilit li fi procedura ta' ritrattazzjoni ma ghandhomx jergghu jigu

ezaminati u evalwati l-fatti tal-kawza u ma jistghux dawn jigu interpretati.

Illi fil-fatt dak li r-rittrattandi qed jallegaw huwa li mill-provi sottomessi l-Qorti kkonkludiet hazin meta sostniet li kien hemm cessjoni jew assenjazzjoni tal-kirja mill-inkwilin Giuseppi Attard, u dan ghaliex il-fattispecie tal-kaz ma kienux tali li l-Qorti tasal ghal tali konkluzjoni.

Illi fil-verita' d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell ikkonfermat li kien hemm prova ta' tali assenjazzjoni u cessjoni tal-kirja lis-socjeta' Swallow Limited, u dan peress li rrizulta li l-inkwilin Giuseppi Abela ma baqax juza l-istess fond, li beda jigi uzat minn ibnu Salvu Abela, tant li c-charabank li kellu missier ir-rikorrenti giet trasferita lill-istess fit-13 ta' Gunju 1978 (dokument a fol. 105) u l-istess fond ma baqax jintuza la mill-inkwilin, u lanqas minn ibnu izda mis-socjeta' Swallow Limited, u dan peress li l-istess fond beda u baqa' jintuza sabiex jigu magazzinati fih vetturi tal-istess socjeta'. Inghad ukoll li ma jistax jinghad li li Giuseppi Attard kellu interess fl-istess socjeta' u dan ghaliex meta giet registrata l-istess socjeta' fit-2 ta' Frar 1996 l-intimat Giuseppi Abela ma kienx azzjonista, u kien biss meta gie emendat l-istess statut fit-12 ta' Frar 2003, li huwa gie assenjat sehem azzjonarju wiehed fil-kumpanija (fol. 148) u dan sar wara li giet intavolata l-kawza quddiem il-Bord fl-14 ta' Awissu 2002.

Illi abbazi ta' dan kollu l-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha sostniet li l-provi prodotti jindikaw li kien hemm assenjazzjoni tal-istess inkwilinat lis-socjeta' msemmija, u dan ghaliex is-sullokazzjoni u c-cessjoni, fit-terminologija tal-**artikolu 9 tal-Kap. 69** tinkludi mhux biss ic-cessjoni kontemplata fil-**Kap. 16** izda kull xorta ta' trasferiment tal-kirja li jsir minghajr il-kunsens tas-sid, u dan kemm b'titolu oneruz u gratwit u ghalhekk ma hemmx bzonn issir prova ta' hlas ta' xi korrispettiv sabiex jissussisti t-trasferiment tal-kirja kontemplat fl-istess artikolu; ma kien hemm ebda ftehim familjari bejn l-inkwilin u ibnu Salvu Abela, b'mod li l-missier baqa' l-inkwilin attwali, u dan peress li l-missier ma baqax juza l-istess fond, anke ghaliex biegh il-vettura li kellu lill-ibnu, u l-uzu tal-istess garaxx ma ntuzax la mill-

intimat-inkwilin u lanqas minn ibnu izda mis-socjeta' Swallow Limited ghall-vetturi taghha, u s-sottomissjoni li l-Giuseppi Abela kellu nteress fl-istess socjeta' ghaliex akkwista fil-mori tal-kawza *share* wiehed mill-istess kumpanija, ma jbiddilx il-punt li huwa personalment ma baqax juza l-istess fond, iktar u iktar meta xehed li lanqas baqa' *shareholder* tal-istess skond deposizzjoni tieghu datata 28 ta' Frar 2006 (fol. 109), u allura dan ifisser li la darba l-istess fond gie utilizzat mill-istess socjeta' dan jammonta ghal trasferiment lill-kumpanija wkoll skond il-gurisprudenza citata ta' **"Salvatore Zahra vs John Borg nomine"** (Appell mill-Bord – 14 ta' Novembru 1949; **"Phyllis Ebejer et vs Joseph Aquilina"** (Appell – 10 ta' Jannar 1995); u **"Pasquale Grech vs Publio Farrugia"** (Appell – 4 ta' April 1997). B'hekk id-decizjoni tal-Bord giet ikkonfermata.

Illi certament li f'dan l-isfond il-fatti hemm indikati huma stabbiliti u mprexxendibbli f'din l-istanza, u la darba instab li l-inkwilinat kien gie trasferit lis-socjeta' ndikata, bl-ebda mod ma tista' tigi invokata d-definizzjoni ta' kerrej, issa f'dawn il-proceduri citata ghall-ewwel darba mir-ritrattandi skond l-**artikolu 2 (c) tal-Kap. 69,** u dan peress li l-kerrej indikat kien trasferixxa l-kirja lill-imsemmija socjeta' f'hajtu, u allura ritrattandi bhala ulied u bhala eredi ta' Giuseppi Abela, qatt ma wirtu l-istess kirja wara l-mewt ta' missierhom – proprju ghaliex huwa kien gja iddispona minnha qabel il-mewt tieghu fil-mori tal-kawza.

Illi di piu` jinghad li l-kwotazzjoni issa tal- **artikolu 2 (c) tal-Kap. 69** jammonta effettivament ghall-eccezzjoni addizzjonali mqajjma mir-ritrattandi f'dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni, ghaliex dan huwa biss tentattiv sabiex terga' tinfetah il-kawza mill-gdid u b'hekk indirettament joholqu ghalihom tribunal tat-tielet istanza li mhux permess mill-ligi (**"Charles Michael Gauci vs Alfred Vella"** – A.C. – 10 t'Ottubru 2003).

Illi ghalhekk anke din il-bazi ta' ritrattazzjoni qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta ta' Mary Caruana et datata 12 ta' Frar 2010 in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet tar-rittrattandi fir-rikors taghhom datat 29 ta' Jannar 2010** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispejjez kontra l-istess ritrattandi Guiseppi Abela et.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------